MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1810/2004

**Alfa Co. Ltd**

**vs**

**Elton Xuereb**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbgha mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420.00) rapprezentanti hlas ta' servizz fornut mis-socjeta attrici lill-konvenut u dana skond 'invoice" Nru 10142.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Marzu 2004 u bl-interessi

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija cediet s-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Marzu 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------